



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0213/2021**

31.3.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħarsien tal-persuni b'diżabilità

**Simona Renata Baldassarre, Mara Bizzotto, Paolo Borchia**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħarsien tal-persuni b'diżabilità**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 9, 10, 19, 166 u 168 tat-TFUE,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD),
  - wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tal-Kummissjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi mis-87 miljun persuna b'diżabilità fl-UE, nofshom biss għandhom impjieg u billi 28,4 % jinsab friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali;
- B. billi l-miżuri ta' konfinament għandhom impatt gravi fuq il-persuni b'diżabilità u fuq il-familji tagħhom;
1. Jisħaq fuq il-importanza li jiġu stabbiliti drittijiet komuni għall-persuni b'diżabilità u li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tal-istat ta' diżabilità fl-Istati Membri kollha;
  2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffavorixxi l-armonizzazzjoni tar-regoli nazzjonali għar-rikonoxximent tal-lingwa tas-sinjali u tippromwovi l-investimenti biex isiru aċċessibbli t-teknoloġiji l-ġodda, bħall-impjanti kokleari għall-persuni neqsin mis-smiġh;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-ħarsien tad-dinjità u r-rikonoxximent tal-kwalitajiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità biex jiġu favoriti l-impjieg, l-awtonomija u l-educazzjoni tagħhom;
  4. Jistieden lill-Kummissjoni talloka fondi tal-UE biex tippromwovi kampanji ta' nondiskriminazzjoni favur in-nisa u t-fal b'diżabilità, li jirriskjaw li jkunu suġġetti għal diskriminazzjoni doppja.